# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Jannar 2025**

**Numru : 12**

**Rikors numru: 760/2021/1 AJD**

**Edward Caruana**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat; l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur minn sentenza mogħtija fit-3 ta' Marzu 2023, li permezz tagħha, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjes kollha a karigu tal-istess rikorrenti.

**Preliminari:**

**A. Fatti**

2. Fil-ħamsa (5) ta’ Diċembru 2017, ir-rikorrenti kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, mixli illi *inter alia*: ikkommetta reat kontinwat, b’assoċjazzjoni, b’estorsjoni u b’korruzzjoni, li esiġa l-flus kontra l-liġi waqt il-qadi ta’ dmirijietu bħala uffiċjal/ impjegat pubbliku, u li uża dokumenti foloz.

3. Illi fl-udjenza tal-10 ta’ Jannar 2018, il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex tiffriża l-assi kollha tar-rikorrenti, dak iż-żmien imputat, u dan permezz ta’ Ordni ta’ Qbid u Ffriżar *ai termini* tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali li jagħmel ukoll referenza għall-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta’ Malta.

4. Illi din it-talba ntlaqgħet mill-Qorti kif preseduta, u ordnat li l-assi kollha tal-imputat jiġu ffriżati.

5. Illi l-Artikoli ġew maħruġa fit-8 t’Ottubru 2020.

6. Illi l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fit-28 ta' April 2021, però fl-udjenza tad-29 ta' Settembru 2021, kien xehed l-Ispettur Rennie Stivala.

7. Illi fid-dawl tax-xhieda tal-Ispettur Stivala, id-difiża permezz ta' rikors intavolat fit-22 ta' Ottubru 2021, ippremettiet illi l-iffriżar tal-assi tal-imputat ma jservi ebda skop raġonevoli u għalhekk tali miżura hija għal kollox irrita u mhux *prima facie* ġġustifikata. Illi għalhekk talbet illi l-ordni li bih il-Qorti laqgħet it-talba għall-iffriżar tal-assi tal-imputat Caruana tiġi revokata *contrario imperio.*

8. Illi l-Avukat Ġenerali sostna illi l-liġi Maltija ma tipprovdix għal tali revoka iżda tesiġi illi, l-Ordni tibqa' fis-seħħ sas-sentenza finali.

9. Fid-digriet tagħha, il-Qorti qablet mal-argument tal-Avukat Ġenerali, u tenniet illi l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 jipprovdi biss illi *pendente lite* l-Qorti tista' biss tvarja tali Ordni u mhux tirrevokah. Illi fil-fatt il-Qorti ċaħdet it-talba tal-imputat għar-revoka tal-imsemmi Ordni ta' Ffriżar u llimitat l-effett tal-Ordni għall-ammont ta' ħamest elef ewro (EUR 5,000), filwaqt li lliberat l-assi kollha l-oħra tar-rikorrenti.

10. Illi permezz ta' sentenza datata 29 ta' Awwissu 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali lliberat lill-appellant

minn kull akkuża. Illi minn din is-sentenza l-Avukat Ġenerali intavola appell. Illi permezz ta' sentenza mogħtija nhar id-29 ta' Marzu 2023, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-Sede Inferjuri tagħha, ċaħdet l-appell tal-Avukat Ġenerali u kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

**B. Proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

11. Illi permezz ta' rikors intavolat nhar it-22 ta' Novembru 2021, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), l-appellant talab dikjarazzjoni illi d-drittijiet tiegħu hekk kif kontemplati fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ġew leżi. Saħaq ukoll illi ġarrab ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u aċċess xieraq għal Qorti hekk kif sanċit fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u kif ukoll leżjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, b'dana illi huwa m'għandux rimedju ġust u effettiv li permezz tiegħu l-Qorti setgħet tordna t-tħassir tal-Ordni ta' Qbid u Ffriżar. Illi *di più* talab illi l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar jiġi mħassar u revokat, u li l-Qorti tillikwida danni materjali u kif ukoll dawk non-pekunjarji.

12. Permezz ta' risposta konġunta datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Diċembru 2021, l-Avukat tal-Istat, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija filwaqt illi ma qablux mall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, *inter alia*

eċċepew illi tul il-proċess kriminali ma sar xejn li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-drittijiet tar-rikorrent, u ma jirriżulta minn imkien li b'xi mod ġiet mittiefsa xi waħda mill-protezzjonijiet mogħtija bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Affermaw ukoll illi: (a) il-proċeduri kollha qed jinżammu u qegħdin jiġu determinati minn qorti indipendenti u imparzjali; (b) ir-rikorrent għandu aċċess għall-qorti; (ċ) is-smigħ kollu qiegħed isir fil-preżenza tar-rikorrent; (d) il-partijiet qegħdin jiġu trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra; (e) ir-rikorrent qiegħed jingħata l-opportunità kollha biex jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel; (f) ir-rikorrent huwa megħjun minn avukat tal-fiduċja tiegħu; u (ġ) ir-rikorrent qiegħed jingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu.

13. Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimati stqarru illi huma aġixxew korrettament skont il-liġi u fil-parametri imposti mill-liġi u bl-ebda mod ma ppreġudikaw id-drittijiet tar-rikorrent, tant illi r-rikorrenti kellu l-jedd mogħti lilu mil-liġi penali, senjatament mill-Artikolu 23A subinċiż 5 tal-Kap 9, biex jikkontesta l-Ħruġ tal-Ordni tal-Iffriżar fi żmien tlett (3) ijiem mid-data ta' meta saret l-Ordni, u jitlob ir-revoka tal-istess quddiem il-Qorti Kriminali. Illi apparti minn hekk, fi kwalunkwe ħin matul il-proċeduri r-rikorrenti jista' jitlob varjazzjoni kif l-istess rikorrenti għamel diversi drabi. Illi fil-fatt l-aħħar talba għal

varjazzjoni saret wara li l-Maġistrat semgħet ix-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni.

14. B'sentenza datata 3 ta' Marzu 2023, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel tliet talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement ċaħdet ukoll il-kumplament tat-talbiet tar-rikorrenti, *stante* illi dawn kienu konsegwenzjali għall-ewwel tliet talbiet tiegħu, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

## Ċ. Liġi applikabbli għall-*fattispecie* taċ-ċirkostanzi odjerni:

**Kodici Kriminali: Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

**Artikolu 23A(2)**

*"(2) Meta persuna tiġi akkużata b'reat rilevanti, għandhom japplikaw mutatis mutandis id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att u l-istess dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għal kull ordni li ssir mill-Qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu bħal likieku din kienet ordni magħmula mill-Qorti taħt l-imsemmi artikolu 5 tal-Att.*

**Artikolu 23A(5)**

*(5) L-akkużat għandu fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta' meta saret l-ordni taħt is-subartikolu (2) jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni magħmula taħt is-subartikolu (2) tibqa' fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata mill-Qorti Kriminali.*

**Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta**
**Artikolu 5**

*5.(1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –*
*(a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u*

*(b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:*

*Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (13,976.24) fis-sena:*

*Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –*
*(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*
*(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.*

*(2) Dak l-ordni għandu –*

*(a) jibda jseħħ u jorbot lit-terzi persuni kollha immedjatament malli jsir, u d-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandu jieħu ħsieb li avviż dwaru jiġi pubblikat mingħajr dewmien fil-Gazzetta, u għandu jieħu ħsieb ukoll li kopja tiegħu tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku dwar proprjetà immobbli, u (b) jibqa' jseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konklużiv, u fil-każ li persuna tinsab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet esegwita.*

*(3) Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul.*

*(5) Meta xi flus ikunu jew isiru dovuti lill-akkużat mingħand xi persuna fil-waqt li dak l-ordni jkun fis-seħħ, dawk il-flus għandhom, sakemm ma jkunx ordnat xort'oħra f'dak l-ordni, jiġu depożitati f'bank għall-kreditu tal-akkużat.*

*(6) Meta dak l-ordni ma jibqax fis-seħħ kif provdut fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2), d-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandu jieħu ħsieb li avviż f'dak is-sens jiġi pubblikat fil-Gazzetta, u għandu jirreġistra firReġistru Pubbliku nota li tħassar ir-reġistrazzjoni ta' dak l-ordni.*

*(7) Meta l-qorti ma tipproċedix minnufih sabiex tagħmel ordni kif mitlub taħt is-subartikolu (1), il-qorti għandha minnufih tagħmel ordni temporanja ta' ffriżar li jkollha listess effett ta' ordni magħmula taħt dan*

*l-artikolu, liema ordni temporanja għandha tibqa' fis-seħħ sa dak iż-żmien li l-qorti tagħmel l-ordni meħtieġa mill-imsemmi artikolu.*

*(8) Meta għal xi raġuni kwalunkwe l-qorti tiċħad talba magħmula mill-prosekuzzjoni għal ordni taħt is-subartikolu (1), l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-qorti, jagħmel talba lill-Qorti Kriminali biex tagħmel l-ordni meħtieġa u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom mutatis mutandis japplikaw għall-ordni magħmula mill-Qorti Kriminali taħt dan is-subartikolu daqslikieku kienet ordni magħmula mill-qorti taħt is-subartikolu (1). L-ordni temporanja ta' ffriżar magħmula taħt is-subartikolu (7) għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti Kriminali tieħu deċiżjoni dwar it-talba.*

*(9) L-akkużat jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol middata ta'meta saret l-ordni taħt is-subartikolu (7), jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata millQorti Kriminali."*

**D. L-Appell:**

15. L-attur ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u intavola appell nhar l-20 ta' Marzu 2023 u talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tħassar il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti safejn din ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti u minflok tiddikjara illi kien hemm leżjoni ta' drittijiet fondamentali tal-esponenti kif aħjar imfissra f'dan ir-rikors ta' appell. Konsegwentement tilqa' t-tieni u t-tielet talba filwaqt illi tillikwida danni materjali u morali minħabba tali ksur.

16. L-Avukat tal-Istat, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija wieġbu għall-appell tar-rikorrenti permezz ta' risposta konġunta datata l-4 ta' April 2023 u filwaqt li affermaw illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti timmerita li tiġi konfermata *in toto, żiedu* illi l-argumenti tal-appellant ma

jreġġux. Isostnu illi l-appellant seta' u messu kkontesta l-ordni ta' ffriżar quddiem il-Qorti Kriminali b'dana illi l-argument tal-appellant illi d-difiża ma kellhiex viżwal tal-provi li kienet ser ttella' l-Prosekuzzjoni hija rrilevanti. L-intimati jargumentaw illi filwaqt li huwa minnu li l-għan prinċipali ta' ordni ta ffriżar huwa s-sekwestru tal-assi kollha tal-persuna milquta, hemm għan addizzjonali li l-appellant qieghed jinjora; u ċjoè li ordni ta' ffriżar jassigura l-enfurzar tas-sentenza fl-eventwalità li tinstab ħtija. Iżidu illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li jeżistu diversi garanziji proċedurali li jassiguraw l-proporzjonalità u kienet ukoll korretta meta irriduċiet l-ordni ta' ffriżar għall-ammont ta' €5,000. Illi b'rabta mat-tielet aggravju tal-appellant, l-intimati jaffermaw illi mill-provi mhuwiex minnu li rriżulta illi din l-ordni kellha impatt sproporzjonat fuq l-appellant, tant li lanqas biss għamel użu mir-rimedji disponibbli għalih.

17. Illi r-rikors tal-appell huwa msejjes fuq tliet aggravji.

*L-Ewwel Aggravju:*

18. Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellant jisħaq illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta sostniet illi wara x-xhieda ta' Giovanni Vella, huwa kellu l-possibilità li jitlob ir-revoka tal-Ordni *ai termini* tal-Artikolu 23A(5) tal-Kap 9. Jargumenta illi d-difensuri tal-appellant bl-ebda mod ma setgħu jkunu konxji ta' x'xhieda ser itellgħu l-prosekuzzjoni u lanqas ma kienu jafu jekk kienx ser ikun hemm iktar xhieda li jixhdu fuq l-allegat rikavat. Illi

mingħajr preġudiżżju ghas-suespost, u fl-eventwalità li din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti, l-appellant isostni wkoll illi lanqas ma jista' jingħad illi t-terminu impost fl-Artikolu 23A(5) tal-Kap 9 huwa terminu suffiċjenti sabiex wieħed jipprepara d-difiża tiegħu.

19. B'referenza għal dan l-ewwel aggravju, l-intimati rrimarkaw illi minkejja li l-appellant kellu rimedju sempliċi ħafna, taħt l-Artikolu 23A tal-Kap 9, li jagħti jedd ta' kontestazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali, ir-raġuni jew motivazzjoni wara n-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-ordni da parti tal-appellant qatt ma ġiet spjegata. Illi in kwantu l-argument tal-appellant illi l-perjodu indikat fl-Artikolu 23A(5) huwa qasir wisq, l-intimati jirribattu illi dan l-argument huwa wieħed nebuluż, b'dana illi ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jinġiebu provi estensivi, u li l-atti flimkien max-xhieda traskritta ta' Vella, kienu jkunu suffiċjenti sabiex l-appellant iġib dan l-argument tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali.

20. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rigward dan il-punt:

> *"54. Finalment, f'dak illi jirrigwarda l-possibilta' illi wieħed jitlob ir-revoka tal-Ordni ta' Ffriżar fit-termini tal-Artikolu 23A(5) tal-Kap 9, din il-Qorti tqis illi din il-proċedura tissodisfa, fi kliem id-Direttiva, "the effective possibility for the person whose property is affected to challenge the freezing order before a court". Is-sentenza mogħtija fl-ismijiet Sebastian Dalli vs L-Avukat tal-Istat et esebita in atti mir-rikorrent, tikkonferma preċiżament illi l-appell mill-ħruġ tal-Ordni ta' Ffriżar fi żmien tlett (3) ijiem mid-digriet illi permezz tiegħu jinħareġ il-ħruġ, huwa rimedju effettiv u jista' jitqies bħala dak illi l-Qorti Ewropea ssejjaħ "procedural safegaurd". Il-Qorti Kostituzzjonali, f'Dalli, tinnota illi fil-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta (b'mod*

*simili għall-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta), hemm żewġ tipi ta' Ordni ta' Ffriżar: dak illi jibqa' fis-seħħ sa tmiem il-proċeduri (fit-termini tal-Artikolu 22A(1)), u dak temporanju (fit-termini tal-Artikolu 22A(7)), cioe "Ordni ta' Iffriżar distinti, minkejja li għandhom l-istess effett, u li huma ntiżi sabiex jaqdu għanijiet differenti". Pero, imbagħad, id-dritt t'appell fi żmien tlett ijiem ta' xogħol minn meta tinħareġ l-Ordni fl-Artikolu 22A(9) tal-Kap 101 japplika biss fir-rigward ta' Ordni ta' Ffriżar maħruġ ai termini tal-Artikolu 22A(7), u mhux rigward Ordni ta' Ffriżar maħruġ ai termini tal-Artikolu 22A(1). Il-Qorti Kostituzzjonali rrimarkat illi fil-każ ta' Ordni ta' Ffriżar maħruġ fit-termini tal-Artikolu 22A(1), "m'hemm l-ebda dritt ta' appell kontra l-Ordni tal-Iffriżar", filwaqt illi fil-każ ta' Ordni maħruġa fit-termini tal-Artikolu 22A(7), "il-prosekuzzjoni għandha dritt tagħmel appell kontra d-deċiżjoni tal-Qorti talMaġistrati li ma toħroġx ai termini tal-Artikolu 22A(1) skont kif provdut l Artikolu 22A(8), u l-akkużat għandu dritt jagħmel appell kontra l-ħruġ talordni ta' iffriżar taħt l-artikolu 22A(7) skont kif provdut fl-Artikolu 22A(9)." F'Dalli, l-Ordni ta' Ffriżar kienet inħarġet fit-termini tal-Artikolu 22A(1) tal-Kap 101, u l-Qorti Kostituzzjonali qalet,*

*Din id-Direttiva [cioe d-Direttiva 2014/42/UE] tistabbilixxi espressament li persuna suġġetta għal ordni ta' iffriżar għandha jkollha dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħha, u li l-persuna affettwata għandu jkollha possibilita' effettiva li tikkontesta dik lordni. Għalhekk l-appellanti ma jistgħux isostnu li l-liġi in kwistjoni hija konformi mad-direttiva msemmija imbagħad fl-istess nifs jgħidu li l-appellat m'għandux u qatt ma kellu dritt li jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar li nħareġ kontra tiegħu.*

*Kien għalhekk illi l-Qorti Kostituzzjonali sabet illi l-ħruġ ta' Ordni ta' Ffriżar fit-termini tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta hija leżiva għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Mhux l-istess, iżda, jista' jingħad għall-każ in eżami, fejn l-Artikolu 23A tal-Kap 9 offra lir-rikorrent il-possibilita' illi jikkontesta l-Ordni maħruġa fil-konfront tiegħu, rimedju illi r-rikorrent għażel illi ma jirrikorrix għalih;*

*55.Dakinhar illi nħarġet l-Ordni ta' Ffriżar, xehed bil-ġurament Giovann Vella, illi, mix-xhieda tiegħu inserita in atti, din il-Qorti tieħu l-impressjoni illi kien wieħed mix-xhieda prinċipali (jekk mhux ix-xhud prinċipali) talProsekuzzjoni fil-proċeduri kriminali miġjuba fil-konfront ta' Edward Caruana.*

*(Omissis)*

*Din il-Qorti hija edotta biss mill-fatti saljenti taċ-ċirkostanzi illi fihom inġabu proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent; iżda minn din ix-xhieda biss tista' tikkonstata illi x-xhieda ta' Giovann Vella kienet xhieda kruċjali għallkaż tal-Prosekuzzjoni. Għaldaqstant, ġialadarba fl-istess seduta illi nħarġet l-Ordni ta' Ffriżar, xehed ukoll l-istess Giovann Vella, u mix-xhieda tiegħu rriżulta illi flus m'għaddewx minn idejh għal idejn ir-rikorrent, ir-rikorrent ġia kellu arma f'idu illi a bażi tagħha seta' jitlob ir-revoka tal-Ordni ta' Ffriżar."*

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:***

21. Ir-rikorrent qiegħed jilmenta illi: (i) l-Ewwel Qorti ma messhiex sostniet illi l-appellant kellu rimedju a dispożizzjoni tiegħu permezz tal-Artikolu 23A(5) tal-Kap 9; u (ii) illi in *ogni caso* t-terminu impost huwa wieħed qasir wisq.

22. F'***Shorazova kontra Malta,***[1] il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem osservat għal darba oħra illi:

> *"although Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, judicial proceedings concerning the right to the peaceful enjoyment of one's possessions must also afford the individual a reasonable opportunity of putting his or her case to the competent authorities for the purpose of effectively challenging the measures interfering with the rights guaranteed by this provision (see G.I.E.M. S.R.L. and Others, cited above, § 302 and the case-law cited therein). An interference with the rights provided for by Article 1 of Protocol No. 1 cannot therefore have any legitimacy in the absence of adversarial proceedings that comply with the principle of equality of arms, allowing discussion of aspects that are important for the outcome of the case. In order to ensure that this condition is satisfied, the applicable procedures should be considered from a general standpoint (ibid)."*

23. Illi mill-atti jirriżulta s-segwenti:

(i) L-appellant kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati nhar il-5 ta' Diċembru 2017.

[1] Deċiża mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem nhar it-3 ta' Gunju 2022.

(ii) Fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2018, wara li nqrat in-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali datata 8 ta' Jannar 2018, il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-akkuża. L-akkuża kif emendata reġgħet inqrat bil-ġurament, u reġa' sar l-eżami tal-appellant.

(iii) Jirriżulta illi l-prosekuzzjoni ma kinitx eżentata mill-provi ġia mismugħa għar-raġunijiet indikati fil-verbal *a fol 350* tal-atti, b'dana illi x-xhieda kellhom jerġgħu jinstemgħu. Illi f'din is-seduta xehed bil-ġurament Giovann Vella, kuntrattur u direttur tal-kumpanija Gozo Developments Company Ltd. F'din l-istess udjenza, l-prosekuzzjoni talbet sekwestru u ffriżar tal-assi tal-imputat. Il-Qorti laqgħet it-talba *ai termini* tal-Artikolu 23A(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

(iv) Giovann Vella xehed li l-akkużat kien talbu €30,000 in konnessjoni ma' tender fl-iskola sekondarja tar-Rabat sabiex jgħaddulu l-kontijiet

24. Illi permezz tal-Att III tas-sena 2002, ġew introdotti fil-qafas penali domestiku l-Artikolu 23(A)(1) u (2):

*"(1) "l-Att" tfisser l-Att kontra Money Laundering, Kap 373,*

*"l-Ordinanzi" tfisser l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 u l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31;*

*"reat rilevanti" tfisser kull delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja*

*ħlief għal delitt taħt l-Ordinanzi jew taħt l-Att, li għalih tista' tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien iktar minn sena.*

*(2) Meta persuna tiġi akkużata b'reat rilevanti, għandhom japplikaw mutatis mutandis id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 tal- Att u l-istess disposizzjonijiet għandhom japplikaw għal kull ordni li ssir mill-Qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu bħallikieku din kienet ordni magħmula mill-Qorti taħt l-imsemmi artikolu 5 tal-Att."*

25. Illi sussegwentement, l-Att VII tas-sena 2010 introduċa tliet (3) sub-artikoli oħra, fosthom is-sub-artikolu 23A(5):

*"(3) Meta l-qorti ma tipproċedix biex tagħmel ordni kif meħtieġ taħt is-subartikolu (2) il-qorti għandha minnufih tagħmel ordni temporanja ta' iffriż ar li jkollha l-istess effett ta' ordni magħmula taħt l-artikolu 5 tal-Att liema ordni temporanja għandha tibqa' fis-seħħ sa dak iż -żmien li l-qorti tagħmel l-ordni meħtieġa mill-imsemmi subartikolu.*

*(4) Meta għal xi raġuni kwalunkwe l-qorti tiċħad talba magħmula mill-prosekuzzjoni għal ordni taħt is-subartikolu (2), l- Avukat Ġ enerali jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol, mid-data tad-deċiżjoni tal-qorti, jagħmel talba lill-Qorti Kriminali biex tagħmel l-ordni meħtieġa u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att għandhom mutatis mutandis japplikaw għall-ordni magħmula mill-Qorti Kriminali taħt dan is-subartikolu daqs li kieku kienet ordni magħmula mill-qorti taħt l-istess artikolu 5. L-ordni temporanja ta' iffriżar magħmula taħt is-subartikolu (3) għandha tibqa' fis-seħħ sakemm l-Qorti Kriminali tieħu deċiżjoni dwar it-talba.*

*(5) L-akkużat għandu fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta' meta saret l-ordni taħt is-subartikolu (2) jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni magħmula taħt is-subartikolu (2) tibqa' fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata mill- Qorti Kriminali."*

26. Illi dan l-artikolu kif viġenti fiż-żmien meta l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati huwa kważi identiku għall-Artikolu 22A tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi minkejja somiljanza konsiderevoli, tirriżulta differenza importanti li kienet sottolineata minn din il-Qorti kif

preseduta fis-sentenza fl-ismijiet: ***Sebastian Dalli vs L-Avukat tal-Istat et***[2], differenza li kienet ukoll senjalata mill-Ewwel Qorti:

> *"Hekk kif jinħareġ ordni ta' iffriżar bis-saħħa tal-Artikolu 22A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta m'hemm l-ebda proċedura disponibbli għall-akkużat biex jikkontesta dak l-ordni.*
>
> *Omissis*
>
> *minħabba l-mod ta' kif ġiet promulgata l-liġi, hekk kif inħareġ dan l-Ordni l-appellat ma kellu l-ebda mod kif jikkontestah għaliex l-Istat naqas milli jpoġġi fisseħħ mezz ta' appell biex il-persuna konċernata tkun tista' titlob li l-Qorti tirrevedi n-neċċessitá li l-ordni jibqa fis-seħħ u anzi minflok illeġisla li l-Ordni jrid jibqa' fis-seħħ tassattivament sakemm jispiċċaw il-proċeduri fi grad ta' appell jekk ikun il-każ, irrispettivament minn kull fattur li jista' jimmilita kontra ż-żamma fis-seħħ ta' dan l-Ordni."*

27. Illi fil-każ in eżami, l-ordni ta' ffriżar ħareg abbażi tal-Artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li a differenza tal-Artikolu 22A(1) tal-Kap 101 (ir-reġim legali applikabbli f'***Dalli),*** jagħti lill-akkużat il-possibilitá illi jikkontesta l-ordni maħruġa fil-konfront tiegħu, rimedju illi r-rikorrent għażel illi ma jirrikorrix għalih. Illi din kienet ukoll il-pożizzjoni addottata minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet: ***Yorgen Fenech vs Avukat tal-Istat et***[3], fejn ikkonfermat il-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti. Illi għalhekk jirriżulta pależement illi fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern, rimedju jeżisti u kien l-appellant li naqas milli jirrikorri għal dan ir-rimedju.

28. Fir-rigward it-terminu stipulat fl-Artikolu 23A(5) tal-Kap 9, din il-Qorti fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet: ***Yorgen Fenech vs l-Avukat tal-Istat***

[2] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-30 ta' Novembru 2022.
[3] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Frar 2024.

***et*****,** kienet diġà affermat illi t-terminu tat-tlett ijiem effettivament huwa wieħed qasir madankollu ma kien hemm xejn li jżomm lil Fenech milli jagħmel tali talba. L-appellant argumenta illi dan iż-żmien tant qasir, mhuwiex suffiċjenti sabiex persuna tipprepara d-difiża tagħha, u li wkoll sa dak l-istadju, id-difensuri tiegħu, ma setax ikollhom viżjoni ċara tal-provi li l-prosekuzzjoni kienet ser tipproduċi.

29. Din il-Qorti għalkemm hi tal-istess fehma, illi t-terminu impost effettivament huwa wieħed qasir, madankollu l-argumenti tal-appellant f'dan ir-rigward huma għal kollox ġeneriċi u għal kwantu superfiċjali. Il-Qorti tagħraf illi fir-realtà ma kien hemm xejn li jżomm lill-appellant milli jirrikori għal dan ir-rimedju u jittenta jikkontesta l-ordni quddiem il-Qorti Kriminali meta x-xhud Vella li ta lok għat-talba u otteniment ta' ordni ta' iffriżar qal li hu qatt ma ta xejn lir-rikorrent għalkemm talbu €30,000. Illi però *ex post facto* u minkejja l-fatt illi huwa naqas milli jirrikori għal dan ir-rimedju, l-appellant ilmenta illi tali rimedju ma kienx wieħed effettiv. Fil-fehma ta' din il-Qorti kontestazzjoni fuq l-effettività *o meno* ta' dan ir-rimedju tispetta biss lil minn jirrikorri għal tali rimedju, u mhux għal min irrifjuta li jagħmel użu mill-istess. L-argumenti miġjuba mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti, u dawk esposti fl-appell, setgħu faċilment nġabu quddiem il-Qorti Kriminali. B'żieda jingħad li x-xhieda tal-Ispettur Stivala, għalkemm fit-tmien tal-provi tal-prosekuzzjoni, kull ma għamlet hu li kkonfermat ix-xhieda ta' Giovann Vella li ma għaddewx flus bejn ir-

rikorrenti u dan Vella. Għalhekk in-nuqqas li jirrikorri għal procedura ta' appell mid-digriet tal-Qorti tal-iffriżar wara x-xhieda ta' Giovann Vella titfa' nuqqas serju fuq ir-rikorrent li ma użax rimedju li setgħu kellhom effikaċja, prattika u spedita.

30. Illi għalhekk u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet magħmula ma tqisx illi dan il-fattur waħdu, *ossia* t-terminu qasir għall-kontestazzjoni tal-ordni quddiem il-Qorti Kriminali, jista' jissarraf f'leżjoni.

31. Illi ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi respint.

*It-Tieni Aggravju:*

32. Permezz tat-tieni aggravju, l-appellant jagħmel is-segwenti ilmenti: (i) illi l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta affermat illi l-limitu ta' Eur 5000 impost mill-Qorti tal-Maġistrati kien rimedju li fih innifsu jissoddisfa l-element ta' proporzjonalità rikjest; u (ii) illi ġaldarba ġie ppruvat illi hu ma għamel l-ebda qligħ illeċitu, l-ordni kellha titneħħa *in toto,* u mhux sempliċiment tiġi limitata. Argumenta illi l-fatt li liġi Maltija ma tagħti l-ebda lok sabiex ordni ta' ffriżar jitneħħa *pendente lite* partikolarment f'kawża bħal dik tar-rikorrenti, fejn ġie effettivament ippruvat illi ma kien hemm l-ebda qligħ kriminali, jrendi din il-miżura waħda vessatorja u drakonjana.

33. L-intimati bi tweġiba għal dan l-aggravju, isostnu illi l-ordni ta' ffrizar jagħti assikurazzjoni illi fl-eventwalità ta' sejbien ta' ħtija, l-enfurzar tas-sentenza mogħtija huwa żgurat. L-intimati jaffermaw illi l-qrati ta' kompetenza kriminali ripetutament irritnew illi m'għandhomx jilqgħu talba għar-revoka tal-ordni, *stante* li dan jista' jwassal għal pronunzjament fuq il-mertu tal-każ. Illi *di più*, jargumentaw illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li jeżistu diversi garanziji proċedurali li jassiguraw l-proporzjonalità tant illi l-ammont milqut bl-ordni ġie ridott mill-Qorti tal-Maġistrati għal ammont negliġibbli.

34. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward:

> *"Din il-Qorti tirrileva illi minkejja illi huwa minnu illi l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar tagħmel blanket freezing tal-assi kollha tal-akkużat, dan ma jfissirx illi m'għandux numru ta' hekk imsejħa "procedural safeguards" illi permezz tagħhom jista', għal raġuni valida, jinnewtralizza jew itaffi xi ftit mill-inkonvenjent illi ġġib magħha ordni ta' din ix-xorta. Dan infatti huwa preċiżament dak illi ġie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet George Tabone et vs L-Avukat Ġenerali suċitata, u cioe:*
>
> *[L]-ħruġ tal-ordni li jolqot il-flejjes u l-proprjeta' kollha tal-akkużat ma huwiex miżura sproporzjonata għax fih innifsu hemm il-mekkaniżmu biex l-effetti tal-ordni jkunu arġinati biex ma joħolqux ħsara u tbatija żejda lill-akkużat, mingħajr ma, fl-istess waqt, titnaqqas l-utilita' ta' miżura bħal dik fil-ġlieda kontra d-delinkwenza u kontra l-ħasil ta' flus ġejjin mid-delinkwenza.*
>
> *49.Il-Qorti tirriskontra ħames (5) possibilitajiet illi hija tikkonsidra "procedural safeguards" emerġenti mill-Artikoli 23A tal-Kap 9 u l-Artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta:*
>
> *a. Il-possibilita' illi l-akkużat jirċievi somma ta' €13,976.24 fis-sena (proviso tal-Art 5(1) tal-Kap 373);*

*b. Il-possibilita' illi jiġu awtorizzati mill-Qorti ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide li jkunu saru qabel ma jkun ħareġ l-Ordni ta' Ffriżar (proviso tal-Art 5(1) tal-Kap 373);*

*c. Il-possibilita' illi l-akkużat jittrasferixxi proprjeta' mobbli jew immobbli, minkejja illi tali mobbli jew immobbli jkunu maqbuda (proviso tal-Art 5(1) tal-Kap 373);*
*d. Il-possibilita' illi l-akkużat jitlob lill-Qorti tibdel l-Ordni f'ċirkostanzi partikolari (Art 5(3) tal-Kap 373);*
*e. Il-possibilita' illi, fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta' meta saret lOrdni, l-akkużat jitlob għar-revoka tal-ordni (Art 23A(5) tal-Kap 9);*

*50.Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi dawn il-proċeduri joħolqu preċiżament l-element ta' proporzjonalita' illi r-rikorrent isostni illi huwa nieqes.*

*omissis*

*51.Ir-rikorrent ma jistax jallega nuqqas ta' proporzjonalita' għaliex l-assi tiegħu kollha sfaw maqbuda, meta essenzjalment il-liġi tipprovdi proċedura illi permezz tagħha l-Qorti tista tintalab tibdel l-Ordni, b'dana illi, għalhekk, tibqa' milquta biss mill-Ordni "property with a view to possible subsequent confiscation". Ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lir-rikorrent milli jitlob lill Qorti tibdel l-Ordni b'tali mod illi ma tibqax milquta proprjeta' illi tal provenjenza jew sors tagħha huwa kellu prova, bħal, per eżempju, proprjeta' akkwistata minn wirt. Infatti, il-Qorti tal-Maġistrati wriet b'mod ċar illi kienet lesta illi tordna bdil fl-Ordni ta' Ffriżar meta rrivediet l-istess u ordnat illi tibqa' sekwestrata biss is-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000);"*

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:

35. L-appellant jinsisti illi ġialadarba fil-mori tal-proċeduri rriżulta illi hu ma kiseb l-ebda gwadan jew vantaġġ mir-reat/i li hu kien jinsab akkużat bih/bihom, f'dak l-istadju, l-ordni ma baqgħetx isservi l-ebda skop raġonevoli u kien proprju għalhekk illi talab r-revoka *in toto* tal-ordni. Illi però l-fatt li l-Liġi Maltija ma tagħti l-ebda lok li ordni jitneħħa *pendente lite*, irendih strument ta' oppressjoni għaliex ir-riduzzjoni tal-ammont

maqbud mhijiex rimedju li fiha nnifsiha tissodisfa l-element ta' proporzjonalità rikjesta.

36. Illi mill-atti jirriżulta illi:

(i) L-ordni ta' ffriżar inħareg fl-10 ta' Jannar 2018.

(ii) Fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2021 xehed l-ispettur Stivala, prosekutur fil-kawza kriminali li xehed li qatt ma għaddew flejjes għand ir-rikorrenti.

(iii) Illi sussegwentement fit-2 ta' Novembru 2020 l-ordni ġie ridott għall-Eur 5,000 mill-Qorti tal-Maġistrati wara talba għar-revoka tal-istess ordni da parti tal-appellant.

(iv) Illi permezz ta' sentenza datata 29 ta' Awwissu 2022, il-Qorti tal-Maġistrati lliberat lill-appellant minn kull akkuża, liema sentenza kienet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell 29 ta' Marzu 2023.

Għalhekk jirriżulta illi l-ordni ta' ffriżar kif oriġinarjament ordnata damet *in vigore* mill-10 ta' Jannar 2018 sat-2 ta' Novembru 2020, u ċjoè għal total ta' sentejn u għaxar xhur. Imbagħad mit-2 ta' Novembru 2020, sad-29 ta' Marzu 2023, kien japplika l-ordni hekk kif ridott.

37. Huwa minnu illi fil-perjodu li l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, il-liġi effettivament kienet timponi "blanket freezing" fuq l-assi kollha tal-akkużat u li dan joħloq inkonvenjent konsiderevoli. Però ma

ssibx illi l-argumenti tal-appellant fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ huma fondati. Ġie diversi drabi ritneut illi dan il-mekkaniżmu huwa eżerċizzju ta' kontroll fl-użu tal-proprjetà, u huwa eżerċizzju kontemplat fil-liġi, u jservi interess ġenerali leġittimu. Madankollu jrid ikun hemm bilanċ xieraq bejn l-interess ġenerali tal-komunità u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. (Ara *ad exemplum* ***Hutten-Czapska v. Poland*** [GC], no. 35014/97, § 167, ECHR 2006-VIII; ***Depalle v. France*** [GC], no. 34044/02, § 83, ECHR 2010; and ***Herrmann v. Germany*** [GC], no. 9300/07, § 74, 26 June 2012; see also ***Borzhonov***, cited above, § 59).

38. Il-pożizzjoni ta' din il-Qorti *vis-a-vis* l-Artikolu 5(1) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, dejjem kienet waħda u dan kif jirriżulta mis-sentenza ***George Tabone et vs Avukat Ġenerali et*** deċiża nhar il- 5 ta' Ottubru 2018 u aktar riċenti minn dik fl-ismijiet ***Yorgen Fenech vs Avukat tal-Istat et.*** Illi fir-rigward il-proporzjonalità *o meno* tal-Kap 373, f'***George Tabone et vs Avukat Ġenerali et*** ġie ritenut illi:

> *"16. Din id-disposizzjoni tal-liġi toħloq bilanċ bejn l-interess pubbliku li jinħolqu miżuri biex, min-naħa l-waħda, min ikun ħati ta' reat ma jiħux benefiċċju mill-att ta' delinkwenza, u biex, min-naħa l-oħra, il-persuna akkużata – sa issa meqjusa innoċenti – ma ġġarbx ħsara u tbatija safejn dawn jistgħu jiġu evitati bla ma jiddgħajjef il-għan li l-liġi trid tilħaq bil-ħruġ ta' ordni ta' sekwestru.*
>
> *17. L-atturi ma nqdewx bil-possibilità ta' rimedju li jagħtihom il-proviso għall-art. 5(1) miġjub fuq. B'rikors tas-6 ta' Marzu 2013 talbu t-tħassir tal-ordni għal raġunijiet oħra u mhux għar-raġunijiet imsemmija fil-proviso. L-eżistenza ta' dan ir-rimedju iżda, għalkemm l-atturi ma nqdewx bih, huwa biżżejjed biex juri illi hemm mekkaniżmu fil-Kap. 373 stess biex*

*jintlaħaq il-bilanċ u l-proporzjon li jridu l-liġijiet li jħarsu d-drittijiet fondamentali.*

*18.... Li qiegħda tgħid il-qorti hu illi l-ħruġ tal-ordni li jolqot il-flejjes u l-proprjetà kollha tal-akkużat ma huwiex miżura sproporzjonata għax fih innifsu hemm il-mekkaniżmu biex l-effetti tal-ordni jkunu arġinati biex ma joħolqux ħsara u tbatija żejda lill-akkużat, mingħajr ma, fl-istess waqt, titnaqqas l-utilità ta' miżura bħal dik fil-ġlieda kontra d-delinkwenza u kontra lħasil ta' flus ġejjin mid-delinkwenza."*

39. Illi din l-osservazzjoni ssib riskontru f'dak affermat mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet***: Dzinic kontra l-Kroazja,*** deċiża nhar il-17 ta' Awwissu 2016:

*"In particular, whereas seizure of the applicant's property is not in itself open to criticism, having regard in particular to the margin of appreciation permitted under the second paragraph of Article 1 of the Protocol, it carries with it the risk of imposing on him an excessive burden in terms of his ability to dispose of his property* ***and must accordingly provide certain procedural safeguards so as to ensure that the operation of the system and its impact on an applicant's property rights are neither arbitrary nor unforeseeable. (Enfażi ta' din il-Qorti.)"***

40. Illi aktar riċenti din il-Qorti kif komposta, fis-sentenza fl-ismijiet ***Yorgen Fenech vs Avukat tal-Istat*** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2024 affermat illi:

*"21. Dan iktar u iktar meta l-liġi diġá tipprovdi proċedura sabiex l-attur jitlob lill-Qorti biex tvarja l-ordni ta' l-iffriżar. Fil-fehma ta' din il-Qorti iddiskrezzjoni li għandha l-Qorti li "f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni" (Art. 5(3) tal-Kap. 373), hi wiesa' biżżejjed biex tintlaħaq dik ilproporzjonalitá li hemm bżonn bejn l-interess ġenerali u l-jedd tal-attur, u dan iktar u iktar meta tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami."*

41. Illi fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tal-appellant, din il-Qorti ma rriskontratx sproporzjon. Illi permezz tad-digriet li bih il-Qorti tal-Maġistrati illimitat l-ordni għal €5,000, tali reviżjoni assigurat illi l-appellant ma jġarrabx piż eċċessiv u sproporzjonat. Illi fil-fatt il-Qorti Ewropea fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet: ***Dzinic kontra l-Kroazja,*** deċiża nhar il-17 ta' Awwissu 2016, sabet vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll għaliex minkejja provi li effettivament kienu jindikaw illi l-valur tal-propjetà maqbuda kien jeċċedi l-valur tal-"possible confiscation claim" b'mod konsiderevoli, il-Qrati nazzjonali naqsu milli kkonsidraw dan l-aspett. Illi f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati fid-dawl tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellant fir-rikors tiegħu datat 22 ta' Ottubru 2021, għamlet "*assessment of whether the value of the seized property corresponded to the possible confiscation claim."* Illi għalhekk f'dan il-każ partikolari ma jistax jingħad illi ma sar l-ebda assessjar tas-sottomissjonijiet tal-appellant f'dan ir-rigward.

42. Illi fil-fatt minn eżami tal-atti jirriżulta illi fil-każ odjern saħanistra ntlaqgħu talbiet imressqa minn terzi involuti f'negozjati ta' bejgħ ta' proprjetà mal-appellant sabiex proprjetajiet partikolari jkunu rilaxxati proprju għal dan l-iskop. Illi għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi meta tqis l-intervent tal-Qorti tal-Maġistrati flimkien mal-liġi kif applikabbli fil-perjodu li fih l-appellant kien qiegħed jaffaċċja proċeduri kriminali, il-liġi kienet toffri garanziji proċedurali suffiċjenti li jassiguraw l-proporzjonalità.

43. Illi b'referenza għall-argument tal-appellant illi ġaladarba ġie ppruvat illi hu ma għamel l-ebda qligħ illeċitu, l-ordni kellha titneħħa *in toto,* u mhux sempliċiment tiġi limitata, u li l-prosekuzzjoni ma messhiex talbet l-impożizzjoni ta' din l-ordni, mid-diċitatura tal-liġi jirriżulta illi ġaladarba r-reat jinkwadra ruħu fil-karatteristiċi stipulati fil-liġi relattiva, it-talba għall-ħruġ ta' tali ordni ma tiddependix mill-użu tad-diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni iżda hija proċedura tassattivament imposta fuqha *ex lege.*[4]

44. Il-Qorti tirritjeni illi filwaqt illi fit-tmiem tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati rriżulta illi ma kien hemm l-ebda qligħ perċepit mill-appellant, f'dak l-istadju tal-ordni u r-reviżjoni tagħhom ma seta' qatt jiġi determinat b'mod effettiv sa fejn kien iwassal l-involviment tal-appellant fir-reat/i li kien/u qiegħed/qegħdin jiġi/u attribwit/i lilu.

45. Illi għalhekk dan it-tieni aggravju qiegħed ukoll jiġi respint.

*It-Tielet Aggravju:*

46. Permezz tat-tielet aggravju, l-appellant jikkontendi illi l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta sostniet illi l-ammont ta' €13,976.24 fis-sena, li l-appellant seta' jipperċepixxi, hija somma raġonevoli u waħda li tissodisfa l-element ta' proporzjonalità. L-appellant jargumenta illi dan l-ammont, li

[4] Illi dan il-punt kien affermat kemm in prim'istanza u anke fl-istadju tal-appell fis-sentenza su-citata **George Tabone et vs Avukat Ġenerali et** u jirrizulta mill-Artiklu 23A(2) tal-Kap 9.

jammonta għal ċirka sitt elef lira Maltija, kien ġie oriġinarjament stabbilit fis-sena 1986 fl-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u sussegwentement kien traspost fil-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta meta dan ġie promulgat tmien snin wara. Illi huwa inkonċepibbli kif l-leġislatur jirritjeni illi dan l-ammont huwa biżżejjed sabiex wieħed jgħix ħajja diċenti llum. Illi din is-somma li suppost hija waħda diċenti f'għajnejn il-liġi tikkreja żbilanċ kbir u nuqqas ta' proporzjonalità, u dan bi vjolazzjoni ta' dak rikjest mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

47. L-intimati min-naħa l-oħra jinsistu illi l-appellant esaġera l-allegati problemi personali tiegħu, u dan *stante* li tali problemi ma rriżultawx mill-provi. Illi fi kwalunkwe każ l-appellant ma użax ir-rimedji a dispożizzjoni tiegħu, u għalkemm l-ordni ta' ffriżar skomodat lill-appellant, ma jfissirx illi dan wassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu speċjalment wara l-varjazzjoni ordnata mill-Qorti tal-Maġistrati għall-ammont" ta' €5,000.

48. Illi fir-rigward, l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kostatazzjonijiet:

> *"In oltre, lanqas jista' r-rikorrent jilmenta minn nuqqas ta' proporzjonalita' in kwantu s-somma illi huwa kien awtorizzat jipperċepixxi kienet fl-ammont ta' €13,976.24 fis-sena, somma illi huwa jikkonsidra waħda baxxa, meta, effettivament, huwa r-rikorrent stess illi jikkonferma in kontro-eżami, illi wliedu għandhom tletin (30) u tnejn u tletin (32) sena, b'dana illi għalhekk meta nħareġ l-Ordni ta' Ffriżar, minkejja illi kienu jirrisjedu miegħu, kienu maġġorenni. Jikkonferma wkoll in kontro-eżami illi t-tfal kienu jaħdmu u kellhom il-pagi tagħhom, u li freezing order fil-konfront tagħhom jew ta' martu ma kienx hemm. Għaldaqstant, effettivament, dak illi nbidel kien biss l-introjtu tar-rikorrent, u xejn iktar, b'dana illi din il-Qorti ma tistax tasal tikkonkludi illi l-ammont ta' €13,976.24 jirrendi l-proċedura sproporzjonata;"*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

49. Dan l-aggravju bħal ta' qablu, huwa wkoll marbut mal-aspett ta' proporzjonalità u għalhekk il-prinċipji elenkati sopra wkoll isibu applikazzjoni.

50. Il-Qorti eżaminat il-lanjanzi tal-appellant, u kif minħabba t-tnaqqis drastiku fl-introjtu tiegħu, dan ikkawża preġudizzju kemm finanzjarju u anke psikoloġiku fuq l-appellant u fuq il-bqija tal-familja tiegħu, b'mod partikolari martu u wliedu. Rat id-dokumentazzjoni miġjuba in sostenn ta' dan l-aggravju, u x-xhieda ta' mart l-appellant u anke wliedu fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. Il-Qorti ma tqisx illi fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ l-appellant irnexxielu juri illi huwa ġarrab piż jew impatt sproporzjonat.

51. Illi minn eżami tal-atti jidher illi saru żewġ rikorsi minn terzi, ċertu Kim Zahra, u min-Nutar Sandra Valentino (*vide* rikors a fol 133 u 146 tal-atti rispettivament) fejn il-Qorti tal-Maġistrati ntalbet illi jiġu rilaxxati żewġ proprjetajiet partikolari u dan *in vista* ta' negozjati ta' bejgħ mal-appellant. Illi fiż-żewġ okkazjonijiet il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat ir-rilaxx tal-proprjetajiet relattivi, b'dan illi r-rikavat għandu jkun depożitat taħt l-

awtorità ta' din il-Qorti. Illi l-istess ġie ordnat fir-rigward tar-rikavat minn polza ta' assigurazzjoni f'isem l-appellant u martu.

52. Illi fir-rigward dak affermat mill-appellant in kwantu wliedu ma ngħatawx faċilità ta' self minn bank kummerċjali lokali minħabba l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, mill-atti jirriżulta illi tali rifjut seħħ f'Marzu tas-sena 2017 u ċjoè xhur qabel ma l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati minħabba kwistjonijiet relatati mat-titolu tal-proprjetà in kwistjoni. Illi mix-xhieda lanqas ma jirriżulta illi l-appellant kellu jagħmel affidament finanzjarju fuq xi membri tal-familja oħra sabiex ikun jista' jagħmel tajjeb għall-ispejjeż mediċi u ta' saħħa ta' martu. Illi *in ogni caso* lanqas ma jirriżulta illi l-appellant intavola xi rikors f'dan is-sens u dawn ġew miċħuda mill-Qorti tal-Maġistrati, la qabel u lanqas wara li l-Qorti tal-Maġistrati ordnat ir-reviżjoni fl-ammont milqut mill-ordni, rimedju li kien a dispożizzjoni tal-appellant tul il-prosegwiment tal-proċeduri kriminali kontra tiegħu.

53. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza fl-ismijiet ***Angelo Zahra vs Avukat Ġenerali,*** deċiża nhar il-22 ta' Ottubru 2019, u mil-liema ma sarx appell, irrimarkat fuq is-somiljanza bejn l-Artikolu 22A tal-Kap 101 u l-Artikolu 23A tal-Kap 9 b'rabta mal-Artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta.[5] Żiedet tafferma illi:

[5] Il-Qorti stqarret is-segwenti: *"Il-Qorti tqis li t-tismija tal-artikolu 23A msemmi hija rilevanti wkoll għall-kwestjoni li hija għandha quddiemha f'din il-kawża. Dan tgħidu għaliex is-sub-artikolu (2)*

*"Fit-tielet lok, ir-rimedji li tagħti l-liġi fl-artikolu 22A tal-Ordinanza **<u>ma għandhomx limitu meta u kemm-il darba jsiru u liema ġid jista' jintalab li jinħeles</u>**, sakemm ir-raġunijiet li jinġiebu jkunu xierqa u dawk maħsuba mil-liġi sewwasew biex iħarsu d-dinjità tal-persuna milquta b'ordni ta' sekwestru;"* (Enfasi ta' din il-Qorti)

54. Illi din l-osservazzjoni ssib applikazzjoni għall-każ odjern. Illi a skans ta' repetizzjoni, l-appellant ma kien marbut bl-ebda limitu ta' kemm-il darba u liema ġid seta' jitlob li jinħeles.

55. Illi għalhekk dana l-aggravju qiegħed ukoll jigi miċħud.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell fl-intier tiegħu u tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss

---

*tal-artikolu 23A jirreferi għall-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal- Liġijiet ta' Malta. Issa jekk wieħed jara x'jgħid l-imsemmi artikolu 5, isib li d- dispożizzjonijiet tiegħu jixbhu ħafna d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22A tal-Ordinanza;"*